MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
JOSEPH BONNICI**

Seduta tat-13 ta' Jannar, 2003

Talba Numru. 934/2002/1

**Gasan Mamo Insurance Agency
Limited noe et**

**vs**

**Emanuel Pace**

**It-Tribunal,**

Wara li ra t-talba tas-socjeta attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas tas-somma ta’ Lm 534.95c (hames mija u erbgha u tlettin lira Malitn u hamsa u disghin centezmi) rappresentanti danni kkagunati f’ incident awtomobilistiku tat- 18 ta’ Ottubru, 2000 gewwa Dragon Street, Qormi bejn il-vettura bin-numru ta’ registrazzjoni KBA 804 misjuqa mill-attur George Ciappara liema vettura hija assikurata taht Polza ‘comprehensive’ mas-socjeta’ attrici li ghalhekk ghamlet tajjeb ghad-danni kawzati fil-vettura proprjeta’ tal-assikurat taghha, liema assikurat hallas hamsa u sebghin lira Maltin (Lm 75.00) “Excess” mill-ammont mitlub, u l-vettura numru IAV 315 misjuqa

mill-konvenut Emmanuel Pace, liema incident sehh unikament tort tal-konvenut minhabba traskuragni, imperizja u nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tieghu.

Bl-ispejjes inkluzi dawk tal-Mandat ta' Qbid prezentat kontestwalment ma' dan l-avviz u dawk tal-ittra ufficjali tas- 6 ta' Marzu 2001 u bl-imghaxijiet legali pagabbli mis-6 ta' Marzu, 2001 kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Ra li l-konvenut ghalkemm debitament notifikat, baqa ma pprezentax risposta.

Sema' lil Avv Dr Michael Zammit Maempel jikkonferma bil-gurament tieghu li l-ammont ghadu dovut.

It-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jilqa t-talbiet attrici u jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attrici s-somma mitluba ta' hames mija erbgha u tletin lira maltin u hamsa u disghin centezmu (LM534.95), bl-ispejjes u bl-interessi sad-data tal-pagament effettiv.

--------------------------------TMIEM--------------------------------